MALTA

**QORTI CIVILI**
**PRIM' AWLA**
**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2015
Citazzjoni Numru. 633/2006

**Domenico Gianino**
**(bil-karta tal-identita' numru 0210001L)**

**vs**

**Attard Bros Co. Ltd. (C-3599)**
**u b'digriet tal-5 ta'Frar 2007**
**gie kjamat fil-kawza**
**l-Perit Ronald Muscat Azzopardi**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat ta' Domenico Gianino tat-13 ta' Lulju 2006 li taqra hekk:

1. *"Premess illi l-attur kien impjegat bhala steel fixer gewwa s-socjeta' konvenuta u dan sat-2 ta' Settembru tas-sena 2004;*

2. *Premess illi nhar it-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) waqt li l-attur kien qed jahdem fuq inkarigu tal-konvenuti jew min minnhom huwa korra wara li*

*cedew il-planki;*

3. *U premess illi b'rizultat dirett ta' l-imsemmi incident l-attur sofra telf ta' qliegh, dizabilita' permanenti u danni konsegwenzjali;*

4. *U premess illi l-imsemmi incident sehh unikament tort, b'negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tas-sigurta' fuq il-post tax-xoghol da parti tal-konvenuti jew min minnhom;*

5. *U premess illi l-konvenuti jew min minnhom gew interpellati, anke ufficjalment, sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni kollha sofferti mill-attur, izda baqghu inadempjenti;*

*GHALHEKK jghidu l-konvenuti jew min minnhom ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja:*

1. *Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghall-incident li sehh nhar it-2 ta' Settembru 2003, f'liema incident korra l-attur, kif fuq deskritt;*

2. *Tillikwida, d-danni kollha sofferti mill-attur b'konsegwenza ta' l-incident imsemmi;*

3. *Tikkundanna lill-istess konvenuti jew min minnhom jhallsu lill-attur id-danni hekk likwidati.*

*BIR-RISERVA ta' kull azzjoni fil-ligi, bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tat-18 ta' Novembru 2004 u t-18 ta' Lulju 2005 rispettivament u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni."*

Rat illi r-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lil kontro-parti;

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' konvenuta tal-4 ta'Settembru 2006 (a fol. 26) li taqra hekk:

1. *"Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur billi s-socjeta'*

*konvenuta (inkluzi naturalment l-impjegati jew dipendenti taghha) ma kellha ebda responsabilita' ghall-incident mertu ta' din il-kawza illi sehh ebda tort, negligenza imperizja jew nuqqas ta' tharis ta' kwalunkwe regolamenti da parte ta' l-istess socjeta'.*

2. *Illi ghandu jirrizulta mill-provi illi jigu mismugha f'din il-kawza, illi l-attur wegga meta kkrolla l-bini illi fih kienu qeghdin jigu imqeghda l-planki illi gew ossija kienu qeghdin jigu forniti mis-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' konvenuta ma tistghax tirrispondi ghas-sahha u ghall-integrita' strutturali tal-bini tat-terzi illi jkun qieghed jigi erett taht is-sorvelljanza ta' Perit Arkitett.*

3. *Minghajr pregudizzju is-socjeta' konvenuta ma tacettax il-quantum ta' disabilita' riklamata mill-attur u kif stabilita fir-rapport ezebit minnu.*

4. *Salvi eccezzjonijiet ohra."*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta' konvenuta tal-4 ta' Settembru 2006 (a fol. 26 et seq.);

Rat id-digriet tal-5 ta' Frar 2007 fejn gie kjamat in-kawza il-Perit Ronald Muscat Azzopardi (a fol. 32);

Rat ir-risposta guramentata tal-Perit Ronald Muscat Azzopardi tal-20 ta'Marzu 2007 (a fol. 42) li taqra hekk:

1. *"Illi huwa ma ghandu l-ebda risponsabbilita ghall-incident in kwistjoni;*

2. *Illi l-pjanti li thejjew ghal-kostruzzjoni in kwistjoni saru skond is-sengha u l-arti;*

3. *Illi tali incident ma kellu ebda konnessjoni mar-risponsabbilita ta' Perit Arkitett u dan jirrizulta ampjament mid-dikjarazzjoni stess tal-attur.*

4. *Bla pregudizzju ghal premess l-attur irid jipprova li hemm ness bejn l-incident u r-risponsabbilita o meno professjonali tal-eccipjent kif ukoll il-quantum tad-danni jekk*

*ikun il-kaz.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra."*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-Perit Ronald Muscat Azzopardi tal-20 ta'Marzu 2007 (a fol. 43.);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet tas-19 ta'Novembru 2007 fejn il-Qorti kif diversament preseduta innominat lil Mr Charles Grixti biex jirrelata dwar id-dizabilita' tal-attur (a fol. 57);

Rat id-digriet tat-18 ta' Frar 2008 fejn il-Qorti kif diversament preseduta fejn sostitwiet lil Mr Charles Grixti li jinsab indispost, b'Mr Ray Gatt (a fol.63);

Rat id-digriet tat-12 ta' Mejju 2009, fejn il-Qorti kif diversament preseduta innominat lil Perit Valerio Schembri bl-assitenza legali ta' Dr. Gabrielle Buttigieg (a fol. 93);

Rat id-digriet tat-22 ta' Gunju 2011, fejn il-Qorti kif diversament preseduta innominat lil Periti Addizzjonali Mr. Joseph Borg, Mr Massimo Abela, u My Anthony Bernard (a fol. 134);

Rat ir-rapport ta' Mr. Ray Gatt pprezentat fit-18 ta' Marzu 2009 (a fol. 137 et seq.);

Rat ir-rapport tal-Periti Addizzjonali Medici il-konsulenti Anthony A Bernard, Massimo Abela u Joseph Borg pprezentat fil-15 ta' Frar 2012 u mahluf fit-28 ta'Marzu 2012, fit-22 ta' Marzu 2012, u fl-24 ta' Jannar 2013 rispettivament (a fol. 266 et seq.);

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Gabrielle Buttigieg prezentat fis-17 ta'Mejju 2013 u mahluf fit-18 ta' Gunju 2013 (a fol. 277 et seq.);

Rat ir-rapport tal-Perit Valerio Schembri prezentat fil-21 ta' Gunju 2013, u mahluf fit-13 ta' Novembru 2013 (a fol 426 et seq);

Rat in-nota t'osservazzjonijiet ta' Domenico Giannino tas-26 ta' Dicembru 2013 (a fol. 438 et seq.);

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tas-socjeta' konvenuta tad-29 t'April 2014 (a fol. 457 et seq);

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tal-kjamat in kawza il-Perit Ronald Muscat Apap tat-30 t'Ottubru 2014 (a fol. 466 et seq.);

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

In kwantu ghall konkluzjonjiet tal-perit medici, teknici u legali, il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament ta' dawn il-Qrati:

> *"kif pacifikament assodat f'bosta decizjonjiet il-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohrajn kontrolabbli mill-gudikant, tant li kif jinghad fl-Artikoli 681, Kapitolu 12, il-Qorti mhux marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha nfisha . Gie deciz, izda, illi* ***"dan ma jfissirx pero' illi l-Qorti tista' taghmlu b'mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunjiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami" ("Philip Grima -vs-Carmelo Mamo et nomine",*** *Appell 29 ta' Mejju 1998).* ***"Jigifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero' kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku." ("Anthony Cauchi -vs- Carmel sive Charles Mercieca."*** *Appell 6 t'Ottubru 1999;* ***"John Saliba –vs-Joseph Farrugia",*** *Appell, 19 ta' Novembru 2001);"*

Il-Qorti tikkondividi mal-konkluzjonijiet raggunti mill-Periti Addizzjonali Medici , il-Perit Tekniku u l-Perit Legali taddotthom u taghmilhom taghha u ma jirrizulta ebda raguni impellanti li tikkonvinci lil din il-Qorti titbieghed mir-rizultanzi raggunti.

**Ikkonsidrat:**

Din il-kawza tirrigwarda talba ghal dikjarazzjoni ta' responsabilita' ghall- incident li datat 2 ta' Settembru 2003, f'liema incident korra l-attur, allegatament minhabba tort, negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tas-sigurta' fuq il-post tax-xoghol da parti tas-socjeta' konvenuta. Konsegwentement qed jintalab ukoll il-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni kollha sofferti mill-attur b'konsegwenza ta' l-istess incident.

Illi s-socjeta' konvenuta cahdet dawn it-talbiet billi eccepiet li hija, l-impjegati jew dipendenti taghha, ma kellhom ebda responsabilita' ghall-incident li sehh , 'l ghaliex ma kien hemm ebda tort, negligenza, imperizja jew nuqqas ta' tharis ta' kwalunkwe regolamenti da parte ta' l-istess socjeta'.

Illi s-socjeta' konvenuta kienet talbet li jigi  kjamat in kawza il-Perit Ronald Muscat Azzopardi rrizervat lititlob ghal kjamat in kawza lis-sidien tal-post in kwistjoni, Mario u Leonard Azzopardi. Fid-digriet tal-5 ta' Frar 2007 il-Perit Ronald Muscat Azzopardi giew kjamat in kawza.

L-attur f'din il-kawza xhed kien ilu jahdem mas-socjeta' konvenuta ghal kwazi tmien (8) snin, u kien impjegat bhala 'steel fixer' sat-2 ta' Settembru 2004. Meta ma kienx hemm xoghol tal-hadid, huwa kien jintbaghat mis-socjeta' konvenuta sabiex jaghmel xoghol iehor, u dana dejjem akkompanjat minn tliet (3) persuni ohra, li kienu l-foreman Alex Stafrace, l-ghajjutant tieghu, u Saviour Fenech li xogholu kien li jopera l-crane. F'perjodu minnhom, u dana specifikament fit-2 ta' Settembru 2003, is-socjeta' konvenuta kienet baghtet lill-attur, flimkien ma' Alex Stafrace, Keith Borg u Saviour Fenech, sabiex jaghmlu xoghol ta tqeghid ta' planki fuq l-ewwel sular, f'fond, taht kostruzzjoni fi Triq San Guzepp gewwa Hal Kirkop, propjeta' ta' l-ahwa Mario u Leonard Azzopardi. Dawn il-haddiema, inkluz l-attur, kienu familjari mal-post, ghaliex kienu diga' ghamlu xoghol ta' tqeghid ta' planki fil-garaxx ta' l-istess fond. Meta kien qed isir ix-xoghol  ta'tqeghid tal-planki, planki forniti mis-socjeta'

konvenuta, waqt illi kienet qeghda titnizzel bil-crane it-tielet planka, cediet il-faccata tal-fond fejn kienu qeghdin jigu mqeghda l-planki. L-attur spicca midrub fil-kroll tal-bini.

Illi skond l-attur, dan l-imsemmi incident sehh unikament tort, b'negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tas-sigurta' fuq il-post tax-xoghol da parti tas-socjeta' konvenuta. S-socjeta' konvenuta dejjem sostniet in-nuqqas ta'responsabilita' ghal dan l-incident mertu ta' din il-kawza stante li hija ma setghatx tirrispondi ghas-sodezza u ghall-integrita' strutturali tal-bini tat-terzi, eretti taht is-sorvelljanza ta' Peritt Arkitett.

Michael Attard ghas-socjeta' konvenuta, iddikjara bil-gurament illi kien car li l-kawza tal-incident de quo sehh minhabba illi l-bini fejn kienu qeghdin jigu mqeghda l-planki ma felahx il-piz tal-istess planki. Michael Attard sostna illi din il-materja taqa' fil-kompitu tal-Perit illi kien inkarigat mid-disinn u s-sorvelljanza tax-xogholijiet u s-sidien jew il-kuntratturi tal-fond fejn kienu qeghdin jigu mqeghda l-planki, 'l ghaliex f'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta kienet qeghda sempliciment tikkunsinna dak ordnat minghandha u dan sar skond is-sengha u l-arti. Ikkonferma wkoll illi s-socjeta' konvenuta ma kienet bl-ebda mod involuta fid-disinn tal-bini jew fejn kellhom jitqeghdu l-planki jew fil-kalkoli illi saru jew li suppost saru dwar l-intergrita' ta' dan il-bini u l-kapacita' tieghu illi jiflah il-piz illi tqieghed fuqu.

Illi l-kjamat fil-kawza, il-Perit Ronald Muscat Azzopardi cahad illi huwa kien responsabbli ghall-incident in kwistjoni, stante li l-pjanti li thejjew ghall-kostruzzjoni in kwistjoni saru skond is-sengha u l-arti, u li tali incident ma kellu ebda konnessjoni mar-responsabilita' ta' Perit Arkitett. Fid-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess kjamat fil-kawza, huwa kkonferma wkoll illi kuntrarjament ghal dak eccepit mis-socjeta' konvenuta, il-kawza tal-incident ma kienitx is-sahha tal-bini izda l-mod zbaljat tal-manuvri li saru fil-hin ta' l-incident.

Mill-provi migbura jirrizulta li fil-binja in kwistjoni, liema binja kkrollat waqt li kienu qed isiru x-xogholijiet ta' tqeghid tal-planki da parti tas-socjeta' konvenuta, ma kenitx saret dak li gie msejjah bhala **is-suletta,** li kienet tant mehtiega fl-istruttura ta' din il-binja partikolari. Fl-affidavit tieghu, a fol. 34 tal-process l-attur stqarr:

> ***"Meta wasalna indunajt li fuq il-hajt fejn kellhom jitpoggew il-planki ma kellux il-kurdun tal-konkos li s-soltu jaghmluh biex izomm sod il-***

> ***hajt.Il-foreman li jkun jaf x'hemm u x'mhemmx u jkun jaf il-procedura ta' kif soltu nahdmu ahna, ma qal xejn."***

Aktar tard fix-xhieda tieghu l-attur jghid:

> ***"Illi wara smajt lis-Sur Mario Azzopardi jistaqsi lil Alex Stafrace ghaliex gara l-incident. Huwa wiegbu li l-hajt ma felahx il-piz tal-planki."*** - Vide fol. 35

In-nuqqas ta' suletta fil-binja in kwistjoni, gie kkoroborat minn diversi xhieda. Infatti Alex Stafrace, impjegat tas-socjeta' konvenuta u kien qieghed jahdem fuq il-post bhala foreman meta sehh l-incident, a fol. 48 et seq stqarr:

> ***"Dak in-nhar meta ahna gejna biex inpoggu fuq in-naha ta' barra ma kienx hemm soll. Il-wicc fejn konna ser inpoggu il-planka kien hemm il-qatran. Ma kienx hemm soll"..."Xahar u nofs wara dan l-incident baghtuni biex nigbor il-planki li hajjet hemmhekk u sibt ring bean ta' zewg filati"..."Ring bean tal-konkos biex jorbot ix-xoghol. Dak in-nhar meta poggejna l-planki safejn naf jien ma kienx hemm"..."Ma kienx hemm irbit".*** Ibid a fol. 48

Meta l-istess xhud gie mistoqsi x'tip ta' rbit kien necessarju, Stafrace irrisponda billi qal: *"**Ring bean tal-konkos**"*. Sid il-post, u cioe' Mario Azzopardi, ukoll jaghmel referenza ghan-nuqqas ta' suletta, a fol. 78 xehed: ***"Ma nafx li ssemma kurdun tal-konkos pero' kieku kien hemm ma kienx jigri hekk billi wara l-izball kulhadd gharef. Illum hemm din il-beam. Illum sar dawra tal-konkos."***

Il-Perit Ronald Muscat Azzopardi stess irrikonoxxa l-fatt li ma kenitx saret is-suletta fejn a fol. 85 xehed hekk:

> ***"Sakemm gara l-incident jien bqajt il-perit tal-progett. Imbaghad wara l-incident regghu nbnew il-logog u tqeghdu l-planki fuqhom. Did-darba kienet saret suletta u cioe' il-filata ta' fuq nett tal-hajt issir tal-konkos, qisu kurdun tal-konkos u din tkun re-enforced u jkun fiha***

***l-hadid. Ikun fiha minimal re-enforcement."..."Xoghol rimedjali sar fuq il-logog li kienu waqghu. Is-suletta saret fuq il-logog u kienet saret filata nieqsa gebel u minflok saret konkos u din id-decizjoni hadtha jiena. Jien qatt ma tajt struzzjonijiet biex ma ssirx is-suletta qabel l-incident. Jiena dejjem insistejt li fejn isiru l-planki dejjem issir is-suletta"..."Fil-pjanti originali tieghi dan id-dettal tas-suletta ma jirrizultax, fil-pjanti ma nqeghdux is-suletti. Ma jintwerewx is-suletti imma naghtuhom waqt ix-xoghol, waqt li jkun qieghed miexi x-xoghol***."- a fol. 85 u 86

L-istess Perit, a fol. 280 et seq in kontro-ezami kien xehed li:

***"Dawn il-planki jqieghduhom fuq is-supporting walls. Issoltu s-supporting walls ikollhom is-suletta."...*** a fol. 281
***"Biex tinhadem din is-suletta, il-procedura hi li jinbena l-hajt sa filata ta' taht is-suletta, isir ix-shutter u jitqieghed ix-xibka jew hadid bhala reinforz u jinghata l-konkos skond il-ghad tal-konkos li jkun deciz u anke strutturali. Ghal din is-suletta in partikolari, jiena kont ghidt fix-xhieda tieghi illi kont tajthom istruzzjonijiet biex dejjem issir is-suletta fejn se jsiru l-planki. Dawn l-istruzzjonijiet tajthom lill-bennej, Twanny Mizzi, fil-bidunett, fil-basement, u dejjem l-istess sistema. Mistoqsi jekk is-suletta tal-basement kelliex tkun bi specifications differenti minn dawk ta' livelli ohra, nghid illi jien ma bdiltx is-sistema. Meta ltqajt ma' Twanny Mizzi u ghamilt referenza ghas-suletta, ma niftakarx jekk kienx hemm xi hadd iehor prezenti. Probabli kien hemm is-sidien."..***a fol. 282

***"Ma niftakarx jekk is-suletta kenitx saret fil-basement, u lanqas jekk saritx fuq il-parti ta' wara."...***a fol. 283

***"Wara l-incident gie cleared ir-rubble u x-xoghol kompla u s-suletta saret."..."Mistoqsi dwar l-importanza tas-suletta, nghid illi hemm min ma jaghmiliex, pero' jiena dejjem naghmilha. F'dak il-punt jiena***

***rrealizzajt li s-suletta ma kenitx saret, u kont ghaddejt kumment fuq hekk lill-bennej.***a fol. 284***”***

In ri-ezami, l-istess Perit xehed li:

***“Fl-opinjoni tieghi kieku ghalkemm ma saritx is-suletta l-haddiema ta’ Attard Bros. Co. Ltd. qieghdu l-planki f’posthom bil-pressa tal-hydraulic u mhux bil-lieva, ma kienx jikkrolla l-hajt. Meta ghandek hajt ta’ appogg maghluq, is-suletta m’hijiex daqshekk kritika, ghalkemm huwa rrakkomandat, pero’ meta ghandek ftuh tahtu hija importanti.*** a fol. 285***”***

A fol. 287, in kontro-ezami l-Perit Muscat Azzopardi xehed:

***“Qed nikkonferma illi minn dawn il-pjanti ma jirrizultax li s-suletta hija mmarkata. Jidher biss id-dettalji tat-tqassim tal-post. Id-dettalji ta’ l-istruttura kont immur fuq il-post u nimmarkahom lill-bennej fuq il-post.”*** **Pero’ in ri-ezami l-istess xhud iccara li:** ***“Il-procedura li qed niddeskrivi hija l-procedura normali u hija normali li s-suletta ma tidhirx fuq it-tip ta’ pjanti li ezebejt illum.”...”Meta staqsejt lill-bennej ghalfejn ma kienux ghamlu s-suletta fuq il-qoxra ta’ gewwa tas-salott, qalli li s-sid kien waqqfu ghax ried li l-gebel jidher mhux il-konkos. Dan kien gara qabel l-incident. Is-suletta kellha ssir fuq il-qoxra ta’ gewwa, cioe’ dik irtirata. Il-parti ta’ quddiem li kienet ghadha ma nbnietx kellha tigi bil-planki minn appogg sa l-iehor, u s-suletta kellha tigi fuq dawn l-appoggi, pero’ s-suletta ma saritx.”..*** a fol. 286.*”*

***Id-diskors fuq is-suletta kien sar qabel ma gara l-incident, cioe’ fl-okkazzjonijiet li semmejt meta jien mort fuq is-sit u rajt it-tisqif tal-parti ta’ gewwa tal-bini.” ...”Skond kif prospettat mill-pjanti, is-suletta li qabel semmejt li kellha ssir fuq l-appoggi, fil-fatt kien prospettat li ssir fuq il-hitan ‘1’ u ‘2’, dan il-kambjament fil-pjanti sirt naf biha wara l-incident.***a fol. 289 sa 290 ***”***

Il-bennej, Twanny Mizzi, li kien tqabbad sabiex jahdem fuq il-bini in kwistjoni mis-sidien tal-post, ukoll xehed fuq in-nuqqas ta’ suletta, a fol. 291 sa296 huwa xehed hekk:

> ***“Rigward is-suletta, peress li qieghda fuq il-fil il-faccata, il-planki ma jigux jidhru fuq il-konkos u ghalhekk ma kienx hemm suletta. Jien iddecidejt li ma ssirx suletta. Meta ddecidejt hekk, le ma nahsibx li kont kellimt lill-Perit.”...”Peress li ma kienx hemm piz fuq il-planki, u peress illi x-xoghol kien se jsir fuq il-fil u biex ma jidhirx il-konkos tas-suletta, iddecidejt li ma naghmilx suletta.”***

In kontro-ezami, l-istess xhud stqarr li :

> ***“Il-faccata regghet giet eretta wara li ggarfett u jien kont il-bennej li tellajtha. Imbaghad saru s-suletti, sew fuq il-hitan ta’ l-appoggi u kif ukoll iz-zewg hitan ta’ gewwa, li mill-gdid saru bil-hnejjiet li regghu ttellghu dobblu. Rega’ ssaqqaf bil-planki, liema planki regghu ghamluhom l-istess bejn iz-zewg hitan tal-hnejjiet. Il-bini ghadu hemm – ma kkrollax. Mill-binja ta’ qabel ma kkrolla, u l-binja ta’ wara, jien bnejt kollox l-istess apparti s-suletti”***

Mario Azzopardi, wiehed mis-sidien tal-binja in kwistjoni, xehed wkoll, a fol. 298 et seq dwar is-suletta li ma saritx:

> ***“Is-suletta ma saritx fuq il-bicca ta’ quddiem fejn sar it-tigrif. Wara li ggarraf il-bini rega’ nbena. Meta regghat nbniet, iva, saret suletta. Iva, l-Perit da zgur kien qalilna illi kellha ssir is-suletta. Qabel ma sar it-tigrif, iva, naqbel li s-suletta ma kenitx saret, pero’ qabel l-incident il-Perit kien qalilna li s-suletta kellha ssir, pero’ ma saritx. Jiena hallejt kollox f’idejn il-Perit u l-bennej, ghax ma nifhimx f’dak li jrid isir jew le. Ma nafx ghalfejn ma saritx is-suletta allavolja l-Perit kien qalilna li kellha ssir. Is-suletta ma saritx ghax m’ghamilhiex il-bennej. Le, il-bennej qatt ma thadded mieghi fuq din is-suletta. Jiena dejjem hallejt f’idejn il-bennej li dak kollu li kellu jsir kien f’idejh.”...”Iva, hemmhekk mibni fuq il-fil, u anke qabel ma ggarraf***

***fuq il-fil kien se jsir. Wara li ggarraf, iva, sar fuq il-fil. Is-suletta qattajniha bil-gebel, bil-qoxra."*** A fol. 299 sa 300

Leonard Azzopardi, a fol. 302 et seq xehed li ma kiex jaf jekk wara li ggarraf il-bini ,regax nbena, bis-suletta. Ma kienx jaf xi struzzjonijiet ta il-Perit ghat-tishih tal-faccata.

Illi ghalhekk, il-fatt li ma kenitx saret suletta fil-binja in kwistjoni gie stabbilit bhala fattt inkontestat, u gie riaffermat mill-Perit Tekniku, Valerio Schembri, fir-rapport tieghu :

***"Ma hemmx dubju u dan l-eponent Perit Tekniku jasal ghalih kemm mix-xhieda u anke mir-ritratti esebiti illi suletta tal-konkos fuq il-hitan fejn kienu qed jitpoggew il-planki mertu tal-kawza ma kienx hemm. Fil-fatt kien hemm biss folja qatran. Illi huwa ben saput illi tali suletta minbarra l-funzjoni li tifrex il-pizijiet strutturali b'mod pjuttost uniformi fuq l-istruttura sottostanti sservi wkoll sabiex jintrabat ahjar il-bini. Fil-kas in dizamina specjalment perss li l-hajt li fuqu kellhom jitpoggew il-planki kien inoltre fih arkata kien fl-umli opinjoni ta' l-esponent Perit Tekniku assulutament mehtieg li tali suletta bil-hadid tar-rinforz propizju ssir. Kien in-nuqqas ta' din is-suletta li kkaguna l-incident mertu tal-kawza li fih wegga serjament l-attur Domenico Gianino."***

Illi, ghalhekk jista' jigi konkluz minghajr ebda dubju, li tali suletta kienet vital ghall xogholijiet ta tisqif.

Il-Perit Muscat Azzopardi, kjamat fil-kawza, irribatta billi jsostni li kuntrarjament ghal dak allegat mis-socjeta' konvenuta, il-kawza tal-incident ma kenitx is-sahha tal-bini izda l-mod zbaljat tal-manuvri li saru fil-hin ta' l-incident. Huwa tenna li s-socjeta' konvenuta suppost uzat apparat tal-hydraulic sabiex tigbed il-planki u tissikahom, mentri l-istess socjeta' kienet uzatt is-sistema tal-lievar minnflok. Fil-fatt, a fol 281 , il-Perit Muscat Azzopardi semma' dan il-punt meta xehed li:

***"Meta gara l-incident, mort fuq il-post. Staqsejt lill-bennej x'kien gara u qalli li bdew iqieghdu l-planki fuq in-naha ta' gewwa u meta tqieghdu t-tielet planka, il-planka ntqieghed il-ftit il-barra mill-ahhar***

> ***planka biex tkun tista' titqiegehd l-ahhar planka, dik il-planka mbaghad tingibed il-gewwa. Kif tingibed il-gewwa hemm apparat bil-hydraulic li jigbed il-planka u jissikkaha. F'dan il-kaz apparentament, flok ghamlu hekk, illevaw b'lieva fuq il-hajt u b'hekk fethu s-samrotti u ghalhekk ikkrolla. Dana dejjem kif spjegali l-bennej."***

In ri-ezami, l-istess xhud stqarr li:

> ***"Fl-opinjoni tieghi, kieku ghalkemm ma saritx is-suletta l-haddiema ta' Attard Bros. Co. Ltd. qieghdu l-planki f'posthom bil-pressa tal-hydraulic u mhux bil-lieva, ma kienx jikkrolla l-hajt."*** – a fol. 285.

A fol 307, il-Perit Muscat Azzopardi kompla jinsisti fuq il-fatt li s-socjeta' konvenuta kienet uzat sistema, liema sistema kienet il-kagun ta' l-incident mertu ta' din il-kawza, meta in kontro-ezami huwa xehed li:

> ***"B'referenza ghax-xhieda tieghi fis-seduta numru 2, u mistoqsi biex nispjega kif f'dan il-kaz infethu s-samrotti b'effet tal-fatt illi l-haddiema llevaw il-planka, nghid illi jien ma kontx prezenti izda qed nghid dak li nahseb. Kif fhimta jien tqieghdu zewg planki u t-tielet wahda tqieghdet ftit il-barra, u biex tinghalaq l-ispazju ta' bejniethom giet illevata (levered) normalment b'hadid twila. Din tidhol taht ix-xifer tal-planka ta' taht. Meta qed tilleva, qed tigbed il-gebla ta' taht u f'dan il-kaz jista' jkun li kkawzat il-ftuh tas-samrotti. Qed jigi ssuggerit lili illi dan l-illevar ma jsir xejn l-isfel imma bhala fulcrum tintuza planka wahda u l-pressjoni titqieghed bil-hadid, fuq nofs il-planka li trid tigi mcaqalqa. Nghid illi meta jkun hemm planka ohra mqieghda l-barra minnha hekk isir veru, pero' meta tkun hi l-ahhar wahda l-levar isir minn taht. Mistoqsi jekk naqbel illi jekk din ma kenitx l-ahhar planka li tkun tqieghdet dan ma jghoddx, nghid illi naqbel. Iva kien ghad fadal planki ohra x'jinzlu."***

In ri-ezami, l-istess xhud qal hekk:

> ***"Mistoqsi jekk kienx hemm alternattiva ghall-levar, nghid illi iva hemm sistema alternattiva fejn jinqabdu qishom zewg gongijiet mall-planki u tingibed bil-hydraulic, u li fil-fehma ma jkunx hemm dak is-sogru ghas-samrotti illi tal-volta jinsabu fil-hajt ta' taht."***(a fol. 308)

Il-Perit Tekniku, Valerio Schembri(a fol. 433 u 434), pero sostna li:

> ***"Bir-rispett l-esponent ma jaqbilx ma l-abbli kollega. Biex planka titressaq kemm il-darba tintuza lieva u galadarba jkun hemm suletta torbot ix-xoghol kif suppost u tifrex il-piz ma ghandux jkun hemm problemi. Jista jintuza wkoll apparat bil-hydraulic pero jekk ma jkunx hemm suletta u fejn specjalment ikun hemm hnejjiet bhal fil-kas in dizamina ic-caqliq tal-planki fuq hajt dirett jikkaguna riskju serju ghal kroll hekk kif gara fil-kas in dizamina."***

U

> ***"Il-manuvra li ghamlu l-haddiema tas-socjeta' konvenuta Attard Bros. Company Ltd. sabiex tressqet planka ma kienitx ir-raguni ghaliex ikkrollat parti mill-istruttura tal-bini in kwistjoni fl-incident mertu tal-kawza odjerna."***(a fol. 435)

Fir-rapport tal-Perit Tekniku, Valerio Schembri, fejn huwa ssottometta li:

> ***"Jirrizulta mill-provi illi s-sidien tal-fond fejn sehh l-incident u cioe Leonard Azzopardi u huh Mario Azzopardi qabbdu bhala bennej lil certu Twanny Mizzi u bhala Perit lil AIC Ronald Muscat Azzopardi. Jidher illi huma ma kienux intizi fix-xoghol tal-bini u ghalkemm kienu jmorru fuq il-post qatt ma taw struzzjonijiet dwar l-istruttura jew kif kellhu jsir ix-xoghol tal-bini. Ma jirrizultax lanqas li taw xi struzzjonijiet sabiex il-bennej ma jimxix skond dak li kien qed jordna l-Perit inkarigat mix-xogholijiet in kwistjoni."***( a fol. 434)

Fil-fatt, dawn il-punti johorgu b'mod car mix-xhieda ta' l-istess sidien, fejn a fol. 76 Leonard Azzopardi xehed li:

> ***"Konna qabbadna perit Muscat Azzopardi"..."Kienet haga teknika u ahna hallejna f'idejn il-perit."..."Inbena kif kellu jinbena fil-bidu, dejjem skond il-pjanti u kif ordna l-perit."*** ,

A fol. 78 Mario Azzopardi kien xehed li:

> ***"Jiena ma nifhem f'xejn f'dak ix-xoghol. Ahna qabbadna l-perit Richard Muscat Azzopardi."..."Il-perit kien ghamel il-pjanta, u ahna konna nithadtu mal-bennej. Jien kont hallejt f'idejn in-nies li qabbadt biex jiddeciedu kif kellhom imexxu u x'materjal juzaw."***

Dan rega gie affermat a fol. 299 minn Mario Azzopardi.

Il-Perit Muscat Azzopardi wkoll kkonferma dan a fol. 85:

> ***"Jien il-perit tas-sit in kwistjoni. Il-klijenti tieghi kienu Leonard Azzopardi u huh. Lil-pjanta tal-propjeta' ghamiltha jien, ghandi l-pjanti, il-pjanti li normalment napplikaw ghalihom ghall-permessi. Il-bennej kien Twanny Mizzi. Dan kien maghzul mis-sidien."***

Dan gie riaffermat fix-xhieda tieghu a fol. 281,u konfermat mill-bennej Twanny Mizzi a fol. 294.

IIlli mill-provi kollha, il-Qorti tqis la ma hemm l-ebda dubju li l-kjamat fil- kawza kien fil-fatt ta l-ordni sabiex issir is-suletta, u li kien dejjem insista li fejn kienu ser jitpoggew il-planki kellha ssir suletta tal-konkos, u ma hemm l-ebda dubju wkoll **rigwardanti l-fatt li kien il-bennej stess, u cioe' Twanny Mizzi li waqt li x-xogholijiet kienu ghaddejjin fuq il-binja, iddecieda li ma ssirx is-suletta fil-filata fejn kienu ser jitpoggew il-planki mertu tal-kazwza, u dana minghajr ma kkonsulta mal-Perit inkarigat u cioe' l-kjamat fil-kawza Perit Ronald Muscat Azzopardi**. Dan jirrizulta ampjament kemm mix-xhieda tal-Perit Arkitett, kif ukoll mix-xhieda tal-bennej. A fol. 85 u 86, il-Perit Ronald Muscat Azzopardi kien xehed hekk:

> ***"Jien qatt ma tajt struzzjonijiet biex ma ssirx is-suletta qabel l-incident. Jiena dejjem insistejt li fejn isiru l-planki dejjem issir is-suletta.........u tajthom id-dettalji u bdejna mill-basement u bqajna telghin fuq. Jiena l-ordnijiet tajthom lill-bennej. L-istruzzjonijiet fuq l-istruttura jiena tajthom lill-bennej u mhux lis-sidien. Fil-pjanti originali tieghi dan id-dettal tas-suletta ma jirrizultax, fil-pjanti ma nqeghdux is-suletti. Ma jintwerewx is-suletti imma naghtuhom waqt ix-xoghol, waqt li jkun qieghed miexi x-xoghol."***

L-istess Perit xehed bl-istess mod a fol. 282fejn qal:

> ***"Ghal din is-suletta in partikolari, jiena kont ghidt fix-xhieda tieghi illi kont tajthom istruzzjonijiet biex dejjem issir is-suletta fejn se jsiru l-planki. Dawn l-istruzzjonijiet tajthom lill-bennej, Twanny Mizzi, fil-bidunett, fil-basement, u dejjem l-istess sistema."..."F'dak il-punt jiena rrealizzajt li s-suletta ma kenitx saret, u kont ghaddejt kumment fuq hekk lill-bennej."***

A fol. 288 l-istess xhud stqarr li:

> ***"Meta staqsejt lill-bennej ghalfejn ma kienux ghamlu s-suletta fuq il-qoxra ta' gewwa tas-salott, qalli li s-sid kien waqqfu ghax ried li l-gebel jidher mhux il-konkos. Dan kien gara qabel l-incident."***

**Il-bennej ammetta minghajr ebda tlaqlieq** li fil-fatt kien huwa stess li kien ha ddecizjoni li ma jaghmilx is-suletta, hekk kif johrog mix-xhieda tieghu a fol. 292:

> ***"Rigward is-suletta, peress li qieghda fuq il-fil il-faccata, il-planki ma jigux jidhru fuq il-konkos u ghalhekk ma kienx hemm suletta. Jien iddecidejt li ma ssirx suletta. Meta ddecidejt hekk, le ma nahsibx li kont kellimt lill-Perit."..."Peress li ma kienx hemm piz fuq il-planki, u peress illi x-xoghol kien se jsir fuq il-fil u biex ma jidhirx il-konkos tas-suletta, iddecidejt li ma naghmilx suletta."***

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti tgharaf illi ghandha tissindika r-relazzjoni bejn is-sidien tal-binja in kwistjoni u l-Perit Arkitett, li f'dan il-kaz kienet relazzjoni fejn is-sidien qabbdu lil Perit Muscat Azzopardi u hallew f'idejh kompletament sabiex isiru x-xogholijiet necessarji. Dan il-punt johrog car mix-xhieda ta' l-istess sidien, hawn fuq diga' kkwotat. Ghalhekk, ir-relazzjoni bejn is-sidien u l-Perit Arkitett hija wahda li tigi rregolata taht l-istitut tal-mandat, id-definizzjoni ta' liema tohrog car mill-**Artikolu 1856(1)** tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn jigi stipulat li:

> ***"Il-mandat, jew il-prokura, hu kuntratt li bih il-persuna taghti lil persuna ohra s-setgha li taghmel xi haga ghaliha."***

Perit jigi mpjegat sabiex irendi s-servizzi tieghu, l-ewwel u qabel kollox minhabba l-fatt illi huwa jippossjedi l-hila u l-kapacita', li flimkien mas-supervizjoni da parti tieghu huma lkoll elementi necessarji ghall-ezekuzzjoni tax-xogholijiet bl-ahjar mod possibli u bl-iktar mod sikur. Ghalhekk, il-ligijiet li jirregolaw ir-relazzjoni bejn is-sidien u l-Perit u s-setghat generali tal-Perit, huma l-provizzjonijiet li jirregolaw il-mandati, li skond liema, fl-**Artikolu 1868** tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***"Meta persuna tigi mqabbda biex taghmel haga fil-kors ordinarju tal-professjoni jew xoghol taghha, minghajr ma jigu espressament limitati s-setghat taghha, jitqies li lil din il-persuna inghatat is-setgha li taghmel dak kollu li jidhrilha mehtieg ghall-esekuzzjoni tal-mandat, u li, skont ix-xorta tal-professjoni jew tax-xoghol hawn fuq imsemmija, jista' jigi maghmul minnha."***

Illi ghalhekk, fost id-dmirijiet tieghu, l-Perit Muscat Azzopardi kellu jaghmel dak kollu necessarju sabiex ix-xogholijiet jigu ezegwiti bl-ahjar mod, hekk skond il-professjoni tieghu. Il-kjamat fil-kawza dejjem xehed li huwa kien ta l-istruzzjonijiet sabiex issir is-suletta fil-binja in kwistjoni, pero' ma johrog minn imkien li l-istess kjamat fil-kawza **kien accerta ruhu, meta kien prezenti fuq is-sit, li s-suletta kienet fil-fatt saret.**

Il-Qorti ghaldaqstant trid tanalizza kemm-il darba il-Perit ezegwixxa l-inkarigu tieghu u ghamel dak kollu *"mehtieg ghall-esekuzzjoni tal-mandat*"

Il-Qorti taghmel referenza **Artikolu 993** tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jistipola:

> ***"Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obligazzjoni skont ix-xorta taghha, bl-ekwita', bl-uzu jew bil-ligi."***

L-**Artikolu 1015** tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi:

> ***"Il-persuna li tindahal ghandha tuza fit-trigija ta' dik l-affari l-hsieb kollu ta' missier tajjeb tal-familja."***

Id-diligenza li wiehed ghandu juza fl-esekuzzjoni ta' l-obligazzjoni li jkun dahal ghalih, huwa indikat fl-**Artikolu 1032(1)** tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi:

> ***"Jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja."***

L-Artikolu **1132(1)** tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, terga' taghmel referenza ghall-Artikolu 1032(1) li jipprovdi:

> ***"Bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici dwar id-depoziti, id-diligenza li wiehed ghandu juza fl-esekuzzjoni ta' kull obligazzjoni, sew jekk din ikollha bi hsieb il-gid biss ta' wahda mill-partijiet sew jekk tal-parti l-wahda u l-ohra, hija, f'kull kaz, dik ta' missier tajjeb tal-familja, kif hemm provdut fl-artikolu 1032."***

Ghalhekk, id-diligenza li l-Perit Arkitett kellu juza kienet dik ta' missier tajjeb tal-familja, fejn id-dmirijiet tieghu ma kienux jifqu bl-ghoti ta' l-istruzzjonijiet lill-bennej, izda b'modd partikolari parti essenzjali mid-dmirijiet tieghu kien li jaccerta ruhu li dawk l-istruzzjonijiet fil-fatt kienu gew ezegwiti u gew ezegwiti sew skond is-sengha u l-arti.

Dan jghodd ghad-dmirijiet generali ghas-sorveljanza tal-manjera li biha l-istruttura tkun qed tinbena, izda japplika b'modd specjali meta l-istruttura tkun fi stadju fejn ser isir operazzjoni perikoluza jew ta' certu importanza , bhal perezempju l-operazzjoni tat-tisqif.

Jirrizulta mill-provi l-Perit kjamat in kawza naqas fid-diligenza ta' missier tajjeb tal-familja, meta ma vverifikax personalment li l-istruzzjonijiet li ta biex issir is-suletta, in effett ma gietx segwita' mill-bennej. Anzi, jirrizulta illi anke meta l-istess Perit irrealizza li ma kenitx saret is-suletta, **u dana qabel ma sehh l-incident** mertu ta' din il-kawza, ma ha ebda pass sabiex din is-sitwazzjoni tigi rimedjata, u ma ta ebda struzzjoni ulterjuri lil bennej. Illi di piu din il-Qorti taghraf li Perit kjamat, ma dehrlux li kellu jkun prezenti waqt it-tqeghied tal-planki.

Minkejja l-insistenza tal-Perit li kien mill- bidu nett ta  l-istruzzjonijiet ghal-bini  tas-suletta, bhala stat ta' fatt din  ma saritx, u nuqqas ta' kostruzzjoni ta' sulletta kienet ir-raguni ewlenija ghal modd ta' kif kkolla l-bini u kif korra l-attur.

Johrog car mill-provi, li l-Perit ma kienx ikun prezenti fuq is-sit kuljum, pero' meta kien jkun hemm bzonnu biss, hekk kif jirrizulta mix-xhieda tieghu a fol. 281:

> ***"Il-klijenti tieghi kienu Leonard Azzopardi u huh, pero' huma hafna drabi kienu jhallu f'idejn il-bennej u hu kien jghid lili, u konna niltaqghu fuq il-post meta kien hemm bzonn." ... "Jiena kont immur fuq is-sit kull meta kien hemm bzonn, jew meta talbuni."***

A fol. 288 Perit xehed: *"Qabel ma gara l-incident, kont ilni ma nersaq fuq is-sit ghal xi hmistax-il gurnata..."*

Il-Qorti taghraf illi l-Perit kjamat in kawza  nqas fid-dmirijiet ta' diligenza tieghu fil-grad preskritt bil-ligi meta ma vverifikax personalment li l-istruzzjonijiet tieghu dwar il-bini tas-suletta gew ezegwiti mill-bennej u gew ezegwiti skond is-sengha u l-arti ghas-sodisfazzjon tal-istess Perit. In-nuqqas ta' diligenza tieghu hija stabbilita ukoll fil-fatt li mat-taghrif ta' nuqqas ta' suletta l-istess Perit ma hax dawk il-mizuri necessarji biex jassigura li din is-suletta ssir jew li tigi kostruwita b' teknika ohra struttura  li tirrimpjazza l-istess suletta.  In-nuqqas ta' diligenza tieghu testendi ukoll ghal fatt li huwa ma kienx prezenti waqt operazzjoni ta' certu periklu u diffikolta bhal l-operazzjoni tat-tisqif.

Skond l-insenjament moghti fis-sentenza fl-ismijiet **'Avukat Dr. Carlo Moore ne. vs A.I.C. Carmelo Falzon et'** deciza fl-4 ta' Novembru 1957, Per. Onor. Imhallef Dr A. Magri:

> ***"Veru illi l-arkitett, bhal kull debitur iehor, hu tenut jippresta biss id-diligenza ordinarja ta' missier tajjeb tal-familja; izda huwa veru wkoll illi l-arkitett huwa mandatarju, u fil-kaz taghna retribwit, u r-responsabilita' tieghu tohrog mill-oggett stess li ghalih huwa gie nkarigat. U, kif jinnota l-istess Laurent, "essa emerge dalla diligenza che egli promette d'impiegare nell-esecuzione dei suoi obblighi; sono le cure di un buon padre di famiglia alle quali ogni debitore e' tenuto, cure che si specializzano in ragione della specialita' della locazione d'opera nel senso che l-architetto e' tenuto alle cure di un buon architetto; ed egli e' responsabile quando non soddisfa a questi obblighi" (Op. Cit. § 30);***
>
> ***"Del resto, l-arkitett, bhala mandatarju (arg. Art. 1961 u 1970 Kod. Civ.), huwa obbligat jezegwixxi l-mandat lilu moghti; u, kif josserva Pothier, "il-mandante ha diritto di esigere dal mandatario, che si e' incaricato del mandato, non solamente la buona fede, ma tutta la diligenza e l-abilita' che richiede l-esecuzione del mandato di cui e' incaricato" (Mandato, § 46). U meta l-mandat ikun retribwit, il-gudikant ghandu jkun aktar sever fl-apprezzament tieghu (arg. 1976(2) Kod. Civ.; Baudry. Mandato, § 593; u Kollez. XVIII-III-51 in fine u 52 in princ.);***
>
> ***Ta' min, imbaghad, jirriproduci l-insenjament tal-Vitalevi, li japplika l-istess principji fuq migjuba ghall-arkitett bhala mandatarju: - "Ne', per spiegare questa responsabilita' dell-architetto, fa bisogna di ricorrere alle teoriche del quasi-delitto o dalla colpa aquilia, bastando ad indurla il concetto del mandato, che e' contenuto nella locazione dell' opera dell-architetto quando il proprietario lo pose appunto a dirigere e sorvegliare il costruttore. Inutile dire che l'architetto risponde solo del concetto, del piano, perche' invece la direzione gli impone il dovere preciso di sorvegliare, di non lascar mettere in opera materiali difettosi scadenti, contrari all convenzione, di non lasciar***

> ***costruire contro ogni regola d'arte. Egli deve sorvegliare, ed e' in colpa se non si avvide dell-impiego di materiali di scarto o di vizio di costruzione. Ogni qualvolta, dunque, rimanga provata a suo carico una colpa, imprudenza, negligenza nel sorvegliare l-esecuzione, egli ne risponde" (Digesto Italiano, Appalto di Opere e Lavori, § 189)."***

Il-Qorti tqis, li l-Perit Muscat Azzopardi kien wasal sabiex ta l-istruzzjonijiet sabiex issir is-suletta, pero' l-bennej kien ghazel, minn jeddu, illi ma jezegwix dawn l-istruzzjonijiet u b'hekk idddecieda illi ma jaghmilx is-suletta. Ghalhekk, il-Perit kien fil-fatt ghamel biss parti minn dmiru, billi, allavolja kien ta l-istruzzjonijiet tajbin, huwa ma kienx baqa' jsegwi x-xogholijiet sabiex jaccerta ruhu li l-bennej kien obda u ezegwixxa l-istruzzjonijiet tieghu.

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Emmanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et noe**',deciza mill-Qorti ta' l-Appell, fis-7 ta' Dicembru 1994:

> ***"...meta jinghataw istruzzjonijiet, dawn jimplikaw supervizjoni adegwata biex jigi assikurat li dawk l-istruzzjonijiet qeghdin jigu segwiti u segwiti sewwa."***

Il-Qorti tgharaf li finalment, is-suletta ma kenitx saret b'ghazla tal-bennej, Twanny Mizzi, kif xehed hu a fol.292,:

> ***"Jien iddecidejt li ma ssirx suletta. Meta ddecidejt hekk, le ma nahsibx li kont kellimt lill-Perit." ... "Peress li ma kienx hemm piz fuq il-planki, u peress illi x-xoghol kien se jsir fuq il-fil u biex ma jidhirx il-konkos tas-suletta, iddecidejt li ma naghmilx suletta."***

Kif intqal fis-sentenza fuq indikata **'Avukat Dr. Carlo Moore ne. vs A.I.C. Carmelo Falzon et':**

> ***"Kwantu ghall-bennej, anki hu ghandu l-istess responsabilita'; u jekk ma juzax id-diligenza ordinarja biex jiskopri l-imsemmija difetti, huwa wkoll ghandu jirrispondi ghal dik il-hsara." ... "...din ir-responsabilita', sija tal-perit kemm tal-bennej, hi bbazata fuq l-ordni***

> ***publiku, u tibqa' dejjem..." ... "Pero', ir-responsabilita' tal-perit u dik tal-bennej m'hijiex solidali; ghaliex l-obligazzjoni taghhom hija "ex contractu", u, jekk ma gietx espressament stipulata, ma ghandhiex, u lanqas tista', tigi prezunta. Ghaldaqstant, jekk fil-bini ta' fond jigi uzat travu difettuz, u dan in segwitu jaqa' u jikkaguna danni, il-perit li kellu d-direzzjoni tal-bini, u l-bennej li ezegwixxa dak il-bini, huma responsabbli ghall-hsara li jikkaguna dak it-travu bil-waqgha tieghu, jekk huma ma uzawx id-diligenza ordinarjament mehtiega biex jikxfu d-difetti li kellu t-travu; imma din ir-responsabilita' taghhom mhijiex solidali. Izda rateali."***

Il-Qorti tqis illi l-obbligi tal-Perit huma obbligi ta' natura iktar serja mill-obbligi tal-bennej. Dana ma jfissirx li l-bennej ma ghandux obbligi serji li jridu jigu ezegwiti sewwa da parti tieghu, pero' allavolja huwa jerfa' r-responsabilita' tax-xogholijiet ukoll, dana mhux sal-grad tal-Perit, u dana stante l-obbligi rikjesti mill-Ligi fir-rigward tal-professjoni tal-Perit, li jinkludu primarjament is-sorveljanza tieghu fuq il-bini in kwistjoni, liema sorveljanza tkopri fiha is-sigurta' da parti tal-Perit li l-bennej qed isegwi l-istruzzjonijiet tieghu in kwantu il-binja u x-xogholijiet.

Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet '**Marianna Cini pro et noe vs Paolo Galea et**', moghtija mill-Appell Civili, fis-27 ta' Ottubru 1958, preseduta mill-Onor. Imhallfin Prof. Dr. A.J. Mamo, Dr A.J. Montanaro Gauci u Dr. W. Harding il-Perit: ***"kellu jara b'ghajnejh"*** li kienet fil-fatt saret is-siuletta, u mhux biss jaghti l-istruzzjonijiet lill-bennej sabiex issir is-suletta; u hekk kif intqal fl-istess sentenza, ***"Fi kwalunkwe kaz, bhala perit direttur u responsabbli, id-dmir tieghu kien li jaccerta ruhu personalment u direttament."***

Di piu fis-sentenza fl-ismijiet '**Malcolm Harwood vs Joseph Aquilina et**', deciza fis-27 ta' Jannar 2003, per Onor. Imhallef Dr Philip Sciberras, taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet fejn inghad illi:

> ***"ma jistax ikun hemm dubju li perit li jigi nkarigat mill-kostruzzjoni ta' fond ghandu d-dmir li jassigura ruhu illi l-kostruzzjoni tal-bini lilu fdata, specjalment ghal dak li hi solidita' issir sewwa u skond is-sengha; anzi principalment, skond il-ligi, dan id-dover jaqa' fuqu***

> ***aktar milli fuq il-bennej; u huwa l-perit dak li jassumi quddiem l-awtorita' kompetenti r-responsabilita' tax-xoghol li tieghu jkun ser jiehu d-direzzjoni. Dover ghalhekk, formalment assunt u mpost mill-ligi, tal-perit, hu dak illi juza l-abilita' u d-diligenza mehtiega biex fl-ezekuzzjoni ta' dak il-bini xejn ma jsir li jista' jikkaguna perikolu jew hsara; huwa dmiru li jara li l-bennejja li jkunu ser jahdmu tahtu jkunu licenzjati, u anke jekk licenzjati, ghandu jidderiegi huwa nnifsu u jissorvelja x-xoghol, b'mod li ma jhallix isiru operazzjonijiet kontra s-sengha u li jikkrejaw perikolu. Mhux bizzejjed ghall-perit li jistaqsi lill-bennje x'inhu jaghmel, imma ghandu jaccerta ruhu personalment u direttament x'ikun qed isir, u huwa responsabbli ghad-danni jekk l-ghemil tieghu juri negligenza..."***

Skond l-istess sentenza fl-ismijiet **'Marianna Cini pro et noe vs Paolo Galea et'**, deciza fis-27 ta' Ottubru 1958, mill-Qorti tal-Appell:

> ***"Il-bennej huwa wkoll responsabbli ghad-danni jekk fix-xoghol tieghu huwa juri nuqqas ta' hila u diligenza; u ma jistghax jehles minn din ir-responsabilita' billi jallega illi, ladarba kien hemm perit inkarigat mid-direzzjoni tax-xoghol, u dan ma tahx istruzzjonijiet diversi, allura huwa nehha kull responsabilita' u tefaghha fuq il-perit. Ghad illi kien hemm perit inkarigat mid-direzzjoni tax-xoghol, dan ma jehlisx lill-bennej, li bhala mghallem indahal ghax-xoghol u, fil-fatt ezegwieh, u ghalhekk ghandu josserva d-diligenza li jkollu l-hila mehtiega. Jekk il-perit kien hati talli ma ddirigiex u ma ssorveljax ix-xoghol, kif kien dmiru, dan mhux talli ma jezonerax lill-bennej, imma anzi jkabbar ir-responsabilita' tieghu. Qabel ma jindahal ghax-xoghol, huwa ghandu jkollu l-kapacita' teknika mehtiega; jekk ma kellux din il-kapacita' kellu jfittex id-direttivi tal-perit..." ... "Ghaldaqstant, fil-kaz ta' nuqqas tant tal-perit kemm tal-bennej, dawn huma t-tnejn responsabbli ghad-danni kagunati mill-ghemil kolpuz taghhom; u l-kundanna taghhom ghall-hlas tad-danni ghandha tkun solidali."***

Pero’ fl-ahhar mill-ahhar, u fir-rigward tal-Perit Arkitett, hekk skond l-istess sentenza kwotata:

> ***“Dover, mela, formalment assunt u mpost mill-ligi, ta’ dan il-konvenut, kien illi juza l-abbilita’ u d-diligenza mehtiega biex fl-ezekuzzjoni ta’ dak il-bini xejn ma jsir li jista’ jikkaguna perikolu jew hsara. anki meta jingahd, kif qalet b’approvazzjoni din il-Qorti fil-kawza “Aquilina vs Sciortino et”, 5 ta’ Dicembru 1955, illi “the duty of an architect is to use the care and skill of an architect of ordinary competence measured by the professional standards of the time”, jidher car mill-provi illi l-konvenut Camilleri Galea naqas gravament mid-dmirijiet tieghu.” ...”Il-Qorti ma tistghax temmen li mhux dmir ta’ kull perit li ghandu jahdmu mieghu u tahtu bennejja, anki jekk inizjalment mhux imqabbdin minnu, li jara li huma debitament licenzjati. Imma ankorke’ l-bennejja jkunu licenzjati, hu dmir inerenti ghall-inkarigu tal-perit li hu nnifsu jiddirigi u jissorvelja x-xoghol b’mod li ma jhallix isiru operazzjonijiet kontra s-sengha li jikkreaw perikolu. Jghodd ghalina, “mutatis mutandis”, dak li kien inghad fil-Halsbury’s “Laws of England”, Vol. 3, §631:-***
> ***“Although an architect is not expected to be constantly on the works and to supervise every detail, it is sufficient for him to pay occasional visits and to get any defects which he may happen to notice set right; his duty is to give such an amount of supervision as will enable him to give an honest certificate whether or not the work has been done in accordance with the contract. And though his supervision may be partially, as to matters of detail, entrusted to subordinates......the architect or engineer cannot exonerate himself by saying that the negligence was theirs.”***

Din il-Qorti sejra tanalizza responsabilta o meno tas-socjeta’ intimata. Illi hekk skond ix-xhieda ta’ Alex Stafrace a fol. 47 et seq , irrizulta illi l-istess Stafrace, bhala impjegat tas-socjeta’ konvenuta u kien intbghat fuq is-sit in kwistjoni bhala l-foreman, flimkien ma’ tliet haddiema wkoll impjegati tas-socjeta’ konvenuta li kienu jinkludu l-attur, Keith Borg u Saviour Fenech.

In kontro-ezami ta' l-istess xhud, hareg car li huwa kien fil-fatt innota li ma kienx hemm suletta fuq il-post fejn il-haddiema l-ohra tas-socjeta' konvenuta kienu ser iqieghdu l-planki, meta qal a fol. 48:

> ***"Dak in-nhar meta ahna gejna biex inpoggu fuq in-naha ta' barra ma kienx hemm soll. Il-wicc fejn konna ser inpoggu il-planka kien hemm il-qatran. Ma kienx hemm soll. Il-faccata kienet fuq il-fil." … "Ring bean tal-konkos biex jorbot ix-xoghol. Dak in-nhar meta poggejna l-planki safejn naf jien ma kienx hemm." … "Ma kienx hemm irbit."***

Mistoqsi mill- Qorti: ***"X'tip ta' rbit ikun hemm is-soltu li suppost ghandu jkun hemm?"*, huwa rrisponda billi qal: *"Ring bean tal-konkos."***

F'kawza deciza mill-Qrati Inglizi fl-ismijiet '**Wilsons & Clyde Coql Co. vs English**' (deciza mill-House of Lords fl-1937), Lord Maugham osserva li:

> ***"In the case of employments involving risk, it was held that there was a duty on the employer to take reasonable care, and to use reasonable skill, first, to provide and maintain proper machinery, plant appliances and works, secondly to select proper skilled persons to manage and superintend the business, thirdly to provide a proper system of working."***

Pero', fil-kaz in kwistjoni, il-foreman imkarigat u mpjegat tas-socjeta' konvenuta, allavolja kien induna li ma kienx hemm suletta, xorta wahda ghazel li jhalli l-haddiema, taht is-sorveljenza tieghu qua foreman, jkomplu jahdmu, minnflok ma ddiregihom sabiex jiefqu bix-xogholijiet taghhom stante r-riskju reali li kienu qed jirrinffaccaw.

Din il-Qorti trid tanalizza kemm-il darba jirrizultax li s-socjeta' intimata ghazlet *"proper skilled persons to manage and superintend the business"*

Fis-sentenza deciza mill-Qorti ta' l-Appell, deciza fit-2 ta' Dicembru 2005 fl-ismijiet '**Neville Desira et vs Grech & Company Limited et**', gie ritenut illi:

> ***"It is the duty of the employer in considering whether some precaution should be taken against a forseeable risk to weigh on the one hand the magnitude of the risk, the likelihood of the accident happening and the possible seriousness of the consequences...and on the other hand the difficulty and expense and any other disadvantage of taking the precaution...The more likely or probable an accident is, the greater the duty to guard against it."***

Di piu fis-sentenza deciza fid-29 ta' Mejju 2001, fl-ismijiet '**Joseph Cini vs George Wells u Alex Galea bhala diretturi u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Stainless Steel Product Limited'** gie affermat:

> ***"l-gurisprudenza recenti tistabbilixxi inekwivokabilment li min ihaddem ghandu d-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragonevoli ta' sikurezza ghal min ikun qed jahdem..."***

Vide ukoll '**Grech vs Ellul'** deciza fis-27 ta' Gunju 1996.

Illi s-socjeta' konvenuta kienet baghtet lil Alex Stafrace sabiex jikkompanja lit-tliet haddiema l-ohra u jagixxi bhala foreman, pero' ma ngabet l-ebda prova li turi li Stafrace, wara li kien induna li ma kienx hemm l-irbit li l-bini normalment jirrikjedi, ipprova jaghmel xi haga sabiex iwaqqaf lill-haddiema milli jibdew iqieghdu l-planki. Kien mistenni minnu li Alex Stafrace, foreman tas-socjeta' intimata, jiehu dawk l-azzjonijiet biex jwaqqaf lill-haddiema minkejja r-riskju li kienu qed jiffaccaw u jesigi mal-bennej li jigi msejjah fuq il-post immedjatament il-Perit inkarigat mis-sit u fin-nuqqas tal-Perit jerga jiehu l-planki lura lejn is-socjeta' intimata. Huwa palezi li ebda wahda minn dawn l-azzjonijiet ma gew imwettqa minn Alex Stafrace, inkarigat mis-socjeta' intimata.

L-**Artikolu 1037** tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jistipola:

> ***"Kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta' hila, jew illi hu ma jkollux ragun jahseb li hija ta' hila, hu obbligat ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba n-nuqqas ta' hila taghha,***

> ***tikkaguna lil haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi."***

Is-socjeta' konvenuta kienet hi li fil-fatt ingaggjat lill-impjegat taghha Alex Stafrace bhala l-foreman ghax-xogholijiet ta' tqeghid ta' planki fuq il-binja in kwistjoni, u l-Qorti ghandha dubji serji dwar l-abbilta'tal-istess foreman li certament ma jistghax jinghad li kien *"...persuna...ta' hila..."*.

**Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li r-responsabilita' ghall-incident mertu tal-kawza ghandha tigi mitfugha fuq il-kjamat fil-kawza, Perit Ronald Muscat Azzopardi, fi grad ta' sittin fil-mija (60%), u fuq il-bennej, Twanny Mizzi li kieku huwa kien ukoll gie kjamat fil-kawza, fi grad ta' tletin fil-mija (30%), u kwantu l-ghaxra fil-mija (10%).**

Il-Qorti tinnota illi l-attur ddecieda li ma jharrikx lil bennej jew lis-sidien tal-proprjeta', u li s-socjeta' intimata talbet biss ghal-kjamat in kawza tal-Perit Muscat Azzopardi. Il-Qorti rat u ezaminat il-verbal tat-3 ta' Dicembru 2014 li permezz tieghu l-Avukat difensur tal-attur talbet diferiment sabiex tirregola ruhha dwar it-talba tal-kjamat in kawza tal-bennej jew is-sid tal-proprjeta' rilevanti – vide fol. 471.

Illi fil-11 ta' Frar 2015 (vide fol. 472) l-Avukat difensur tal-attur ddikjara li ma kellu ebda intenzjoni li jitlob ghal kjamat in kawza tal-bennej jew sid.

Il-Qorti sejra biex tezamina il-griehi sofferti mill-l-attur Domenico Gianino, u dizabilita' tieghu permanenti tieghu kif certifikata mit-tobba tieghu u l-esperti nominate mill-Qorti diversament preseduta.

Jirrizulta sodisfacentement ipprovat li l-griehi sofferti mill-attur gew kagonati f' incident fuq il-post tax-xoghol. Dawn sehhu meta kienu qed jitqieghdu l-planki forniti mis-socjeta' konvenuta, cediet il-faccata tal-fond fejn kienu qeghdin jigu mqeghda l-planki, u l-istess attur korra meta gie milqut minn gebel fil-kroll ta' dan il-bini.

Ghar-rigward ta' danni, l-attur qed jitlob kumpens konsistenti tat-telf ta' qliegh, dizabilita' permanenti u danni konsegwenzjali. Mill-provi jirrizulta li l-attur ma regax mar lura ghax-xoghol, wara l-incident, kagun tal-griehi li huwa sofra fl-istess incident. Ghalhekk huwa

ghandu jigi kkumpensat ghat-telf ta' qliegh u ghad-dizabilita' permanenti li sofra, li skond l-affidavit ta' l-attur baqghet taffetwa l-hajja lavorattiva tieghu:

> ***"Illi nghid ukoll li jien illum il-gurnata m'ghadnix nahdem ghax ma niflahx minhabba l-incident. Jien nghid li kien hemm drabi fejn ippruvajt nillapazza xi haga anke gie li d-dar pero' saqajja jcedu malajr u jughani hafna dahri ghax ghadni inbati konsegwenzi kbar."***
> A fol. 35

Ghalkemm il-konsulent Sciberras prodott mill-attur fir-rapport tieghu Dok. DG7 a fol. 17, kif konfermat a fol. 58 et seq, stabilixxa 12% dizabilita', l-konsulent Raymond Gatt nominat minn din il-Qorti stabilixxa 5% dizabilta'- vide rapport tieghu a fol. 140. Il-Periti Perizjuri Medici u cioe' il-Kirurgi Ortopedici Anthony A. Bernard, Massimo Abela u Joseph Borg ikkonfermaw fir-relazzjoni teghhom a fol. 266 dizabilita' ta' hamsa fil-mija (5%) tal-attur kawza tal-griehi li sofra.

Il-Qorti tinnota li l-attur ma ressaq l-ebda prova dwar il-qliegh tieghu.

Illi fil-kawza fl-ismijiet '**Gaspare Xuereb vs Sammy Meilaq et noe**' (deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-4 ta' Dicembru 1998*)*, intqal:

> ***"Ir-raba' kritika tal-konvenuti tirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni maghmula mill-Perit. Specifikatament gie rrimarkat illi la darba l-attur ma ghamilx il-prova ta' kemm jaqla' flus mill-impieg tieghu u lanqas ta' l-eta' tieghu, l-perit legali ma kienx awtorizzat jassumi li kien jaqla Lm4,000 fis-sena u li kellu l-eta' ta' 41 sena. Fil-fehma tal-Qorti, anke din il-kritika ma tistax tintlaqa' billi huwa gust li min ikollu dover li jiddecidi jipprova jsalva dak li hu salvabbli sakemm bdaqshekk ma ssirx xi ingustizzja lill-parti l-ohra. F'dan il-kaz il-Perit Legali ma ghamel xejn hazin li ghamel uzu minn fatti li huma komunement rinomati bhal ma huma l-paga ta' certu haddiema fit-Tarzna u li l-eta' tista' tohrogha mill-ahhar zewg numri tal-Karta ta' l-Identita' ta' dak li jkun ...***

***Il-fatt ta' kemm jaqla flus mill-impieg tieghu l-attur u l-fatt ta' l-eta' tieghu, certament m'humiex fatti li fuqhom kien hemm jew ghandu jkun hemm xi disgwid, u jekk dak li assuma l-Perit Legali ma kienx korrett allura l-konvenuti setghu facilment jindikaw il-figuri korretti, jekk mhux lill-Perit stess, certament lil din il-Qorti, wara li nhalef ir-rapport u l-Qorti kienet tara li jsiru l-aggustamenti necessarji."***

Illi ghalhekk, fic-cirkostanzi tal-kaz, tenut kont tat-tariffi tal-minimum wage li kien hemm stabbilit ghal haddiem full-time fis-sena 2003, u in vista tas-sentenza hawn fuq citata, l-Qorti taghraf illi l-kalkoli tal-Perit Legali huma korretti meta hadet s-somma ta' sitt elef erbgha mija hamsa u tletin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€6435.52) bhala qliegh annwali ta' l-attur, a bazi tat-tariffa tal-minimum wage fl-2003 ta' mija tlieta u ghoxrin Ewro u sitta u sebghin centezmu (€123.76) fil-gimgha. Din il-Qorti taghraf ukoll li l-kalkoli dwar l-medja tal-paga, ghall-fini ta' l-ezercizzju ta' kumpens, ghandha tkun ta' sitt elef disgha mija tmienja u erbghin Ewro (€6948), huma korretti u dan a bazi tal-bonuses tal-Gvern li jammontaw ghal hames mija u tnax-il Ewro u tmienja u erbghin centezmu fis-sena (€512.48). Illi ma' dan l-ammont ta' sitt elef disgha mija tmienja u erbghin Ewro (€6948) gie kkalkolat u mizjud ukoll il-'Cost of Living Adjustment', li f' dawn l-ahhar disgha (9) snin kien: €4.08 fl-2003, €1.75 fl-2004, €4.08 fl-2005, €5.25 fl-2006, €4.08 fl-2007, €3.50 fl-2008, €4.08 fl-2009, €6.06 fl-2010 u €1.16 fl-2011. Average ta' dawn l-ahhar disgha (9) snin jirrizulta ghall-average ta' €3.78 kull gimgha. Illi ghalhekk, l-ammont anwali jirrizulta ghal mija sitta u disghin Ewro u hamsin centezmu (€196.50), liema ammont allura jrid jizdied ma' l-ammont ta' sitt elef disgha mija tmienja u erbghin Ewro (€6948). Illi ghalhekk, l-ammont totali huwa sebghat elef mija erbgha u erbghin Ewro u hamsin centezmu (€7144.50).

Ghal-fini tal-multiplier, gie stabbilit li l-attur kellu sebgha u erbghin (47) sena meta gara l-incident.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Kevin Mallia vs Alfred Mizzi & Sons (Marketing) Limited** (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fid-9 ta' Ottubru 2003) intqal:

***"Ghar-rigward tal-multiplier, il-mod ta' likwidazzjoni tad-danni adoperati sallum mill-Qrati taghna kienet dik stabbilita fil-kawza***

***"Butler vs Heard", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-22 ta' Dicembru, 1967. F'dik il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni ic-"chances and changes of life", b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in konsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneggata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sal-eta' tal-pensjoni.***

***Il-figura adoperata bhala l-multiplier kienet tigi mizmuma moderata u bhala regola, il-Qrati ma kienux juzaw multiplier ghola minn 20. Hekk, per ezempju, fil-kawza "Butler vs Heard" stess il-multiplier adoperat kien ta' 15-il sena ghal tappezzar ta' 22 sena u fil-kawza "Dalmas vs Ghigo" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta' Frar, 1980, gie adoperat multiplier ta' 20 ghal persuna ta' 33 sena. Fil-kawza "Gauci vs Xuereb" deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Ottubru, 1970, gie adoperat multiplier, ta' 15 ghal persuna li kellha 24 sena fid-data tal-incident, u fil-kawza "Camilleri vs Polidano" deciza wkoll minn din il-Qorti fl-1 ta' Ottubru, 1982, gie uzat multiplier ta' 18 ghal wiehed li kellu 28 sena. Il-preokkupazzjoni tal-Qrati kienet riflessa b'mod car mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Lambert vs Buttigieg" deciza fit-18 ta' April, 1963, fejn gie osservat li***

***"f'din il-materja ta' "lucrum cessans" il-Qorti ghandha tipprocedi f'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilita' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat...".***

***"...Fi kliem iehor is-sistema tal-multiplier ma jaccettax li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni li kull min hu b'sahhtu hu mistenni li jibqa' jahdem sa 60 sena jew sad-data tal-pensjoni, izda tirrikjedi li tenut kont tal-eta' tal-mejjet u fatturi ohrajn minhabba diversi***

> ***kontingenzi tal-hajja jittiehed numru ta' "years" purchase" li hu l-"multiplier" u li huwa normalment anqas mill-aspettattiva tal-hajja lavorattiva tal-vittma.***

Illi in vista ta' dawn il-principji, ic-cirkostanzi tal-kaz, u t-tip ta' xoghol ta' l-attur, fil-fehma tal-Qorti ghandu jigi applikat **multiplier ta' ghaxar (10) snin.**

Fil-kawza **Mizzi et vs Genovese et** (deciza fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili mill-Onorevoli Imhallef Raymond C Pace fit-22 ta' Marzu 2002 intqal:

> ***"Illi dwar il-lump sum jinghad illi fil-kawza fl-ismijiet "Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe." (P.A. J.S.P.) deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru 1995 intqal: "Fir-rigward tar-riduzzjoni ghal-lump sum payment' il-Qorti, fl-iskorti ta' decizjonijiet ohra moghtija minnha kif presjeduta, jidhrilha li ... ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghall-lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perijodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data".***
>
> ***Illi din il-Qorti thoss li ghalkemm bhala regola din l-evalwazzjoni ghandha tigi applikata, pero' certament mhux sine qua non stante li dan jiddependi hafna fuq ic-cirkostanzi tal-kaz de quo, u fl-opinjoni tal-Qorti, hemm kazijiet fejn lanqas dan il-persentagg ghall-lump sum payment lanqas ghandha titnaqqas, ghaliex lanqas tirrifletti r-realta' tad-danni sofferti, u din id-decizzjoni ghandha tkun imhollija f'idejn il-gudikant li jkun qed jezamina l-istess kaz fid-dettalji kollha tieghu, nkluz il-likwidazzjoni ta' danni sofferti."***

Il-Qorti tqis li fil-kaz in ezami, m'ghandu jsir ebda tnaqqis ulterjuri.

L-ammont ta' kumpens li hu intitolat ghalih l-attur, inhadem allura, fuq kalkolu ta' **€7,144.50** (sebghat elef mija erbgha u erbghin Ewro u hamsin centezmu) × 10 (ghaxra) × 5% (hamsa

fil-mija), li jwasslu ghal figura ta' **€3,572.25** (tliet elef hames mija tnejn u sebghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu).

Ghaldaqstant, l-ammont li ghandu jigi llikwidat favur l-attur in linea ta' danni u li ghandu jithallas lilu mis-socjeta' konvenuta in vista tar-responsabbilita' aktar 'il fuq attribwita' **huwa ta' ghaxra fil-mija (10% ta' €3,572.25) u cioe' €357.25** (tliet mija sebgha u hamsin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu).

Ghal dak li jirrigwarda l-kjamat fil-kawza, Perit Ronald Muscat Azzopardi in vista tas-responsabilita' aktar 'il fuq attribwita' **huwa ta' sittin fil-mija (60% ta' €3,572.25), u cioe' €2,143.35** (elfejn mija tlieta u erbghin Ewro u hamsa u tletin Ewro).

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni, izda tilqa' in parte t-tieni eccezzjoni u tilqa' t-tielet eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta; u fir-rigward tal-kjamat fil-kawza tilqa' t-tieni eccezzjoni u tichad l-ewwel, it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tal-istess kjamat in kawza; tilqa' limitatament l-ewwel talba tal-attur; tilqa' t-tieni t-talba tal-attur u tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta'**€3,572.25** (tliet elef hames mija tnejn u sebghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu); tilqa' t-tielet talba tal-attur limitatament billi tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Attard Bros. Co. Limited thallas lill-attur is-somma ta' **€357.25** (tliet mija sebgha u hamsin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu) u tikundanna lil kjamat in kawza il-Perit Ronald Muscat Azzopardi ihallas is-somma ta'**€2,143.35** (elfejn mija tlieta u erbghin Ewro u hamsa u tletin Ewro) lill-attur ;

Il-Qorti tqis li l-ispejjez ghandhom jigu divizi kwantu ghal sittin fil-mija (60%) a karigu tal-Perit kjamat in kawza u kwantu ghal erbghin fil-mija (40%) ghas-socjeta' intimata.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------